# AKTAR DWAR IT-TWAQQIF TAL-PARROĊĊA FL-1688

## *Konklużjonijiet Banali u Argumenti Nsolenti jagħmlu minn Patri Alexander Bonnici "Storiku" li jibżà mill-Verità*

*Osservazzjonijiet ta' l-Arċipriet Dun Anton Sultana*

Fl-aħħar ħarġa speċjali ta' "Leħen il-Qala" (April-Mejju 1988) kont ktibt tletin osservazzjoni bi tweġiba lil Patri Alexander Bonnici. O.F.M. Konv., fi tmien paġni li fihom ippruvajt nuri kemm dan il-bniedem li jħobb tant jippoża u jippretendi li hu "kittieb xjentifiku ta' l-istorja", assolutament mhux ta' min jorbot fuqu. Ilu snin twal iħawwad u igħawweġ il-verità, u jaf idur ma' kull riħ skond kif jaqbel lilu. Dan jafuh sewwa ħafna nies f'Malta u f'Għawdex. Biżżejjed insemmi dak li sirt naf minn ħafna nies minn l-Isla, mill-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt, mill-Furjana, minn għand il-Patrijiet Franġiskani "Ta' Ġieżu", u minn nies serji tal-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat. Dawn u oħrajn sofrew ħafna bit-tgħawwiġ ta' fatti storiċi dokumentati fil-kitbiet diversi ta' Patri Bonnici. U magħhom kellha ssofri l-Qala wkoll, għax meta tqabbel dak li kiteb dan il-"professjonista" (!) fl-1975 fil-ktieb tiegħu "Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex" f'paġni 74-78, ma' dak li kiteb fl-ewwel volum ta' "In-Nadur" fl-1984, malajr tinduna kemm Patri Bonnici huwa **"the most unreliable historian of our times".**

Jiddispjaċini ħafna li jkolli nikxef il-maskra ta' Patri Bonnici b'ton iebes u aħrax. Imma m'hemmx triq oħra għal min ma jridx jammetti l-verità sħiħa kif inhi dokumentata, aktar u aktar għal min ma jafx jirraġuna b'argumenti sodi u sostanzjali, imma jaf biss jaqa' f'konklużjonijiet banali bla ebda sens ta' loġika u jinqeda' b'insulti diretti lejn min jikkritikah, aktar milli jwieġeb għall-kritika raġunata li ssirlu. Hekk għamel miegħi personalment u ma' Anton Buttigieg għax urejna bil-fatti dokumentati, minn dokumenti storiċi li hu stess jikkwota, kif il-Parroċċa **"Santa Marija tal-Qala"** twaqqfet fil-Qala u mhux fin-Nadur fl-1688. L-aħħar artiklu tiegħi f'"Leħen il-Qala", flimkien ma' ieħor ta' Anton Buttigieg fl-istess ħarġa f'paġni 9-15, ġabu lil Bonnici dahru mal-ħajt. Prova ċara ta' dan huwa l-artiklu xott tiegħu fil-ħarġa speċjali ta' "Luminaria" (Ġunju 1988), li bih daħħak lil kull min għandu ftit sens ta' loġika u apprezzament tal-verità fil-qasam tar-riċerka storika. Għax Bonnici, flok wieġeb għall-argumenti serji u l-kritika ġusta li dehru fl-aħħar ħarġa ta' "Leħen il-Qala", għal darb'oħra nfexx jiddefendi lilu nnifsu bit-tgħajjir, akkużi foloz u konklużjonijiet banali. Għax kif kienet tgħidli ommi: "Min ma jridx ibusek, igħid li għandek fommok jinten!"

Kelli l-ħsieb inkompli nipprova kemm għawweġ il-verità Patri Bonnici fl-aħħar ktejjeb tiegħu "In-Nadur isir Parroċċa fis-Sena 1688" (Edizzjoni "Reliġjon u Ħajja" 1988). Wara 30 osservazzjoni li għamilt għaldak li kiteb fl-ewwel 13 il-paġna ta' dak il-ktejjeb, kelli lesti 30 oħra fuq il-bqija tal-ktejjeb, u kkonkludejt l-artiklu tiegħi billi għidt: "Jekk ikun meħtieġ, inkompli f'ħarġa oħra"... Imma għalfejn noqgħod naħli ż-żmien u l-ispazju ta' din ir-rivista ma' min mhux kapaċi jirraġuna?! Ġaladarba Patri Bonnici mhux kapaċi jew ma jridx jiddjaloga magħna b'argumenti sodi fuq il-verità sħiħa ta' fatti storiċi; u sakemm ma jweġibx għall-mistoqsijiet serji li għamiltlu fil-ġurnal "In-Nazzjon Tagħna" (15/3/88, p.9) u għall-osservazzjonijiet li għamiltlu fl-aħħar ħarġa ta' "Leħen il-Qala", jiena - u bħali ħafna oħrajn mhux biss fil-Qala imma ma' Malta u Għawdex - se nżomm lil Patri Bonnici mhux bħala "storiku professjonista" imma bħala wieħed irresponsabbli u bla sinsla. U jekk dan il-kliem joffendih, nerġa' nisfidah jagħmilli libell! Jiena ma nibżax mill-verità bħal ma jibża' hu!

Jekk dan kliemi ma jixraqx li ngħidu bħala saċerdot jew Arċipriet, tajjeb li wieħed jeżamina sewwa u jiżen dak li kiteb fuqi Patri Bonnici kemm fil-ġurnali (ara "In-Nazzjon Tagħna" 12/4/88, p.12, u 10/5/88 f'paġna 12), kemm fil-ktejjeb "In-Nadur isir parroċċa" f'paġna 16, u aktar u aktar fl-aħħar ħarġa ta' "Luminaria" (Ġunju 1988, paġni 32-33). Dan biex ma nsemmix ukoll insulti oħra minn segwaċi għomja ta' Patri Bonnici li dehru fir-rivista mqanżħa "In-Nadur" (nru.8, Ġunju 1988), Dak li kitbu ċerti Nadurin mimlija ħdura lejn il-Qala u lejja personalment, juri ċar kemm (a) huma **ġwejjef** li ma wrewx isimhom u jridu jieħdu raġun bl-insulti biss, (b) huma **arditi** u bla żejt f'wiċċhom li ma sħawx jinżlu l-Qala biex stampaw il-ħmieġ li kellhom kontra l-Qala u l-Qalin, u (c) huma tant **"kburin għax Nadurin"** li jaħsbu li jistgħu jibdlu l-istorja u l-oriġini tal-parroċċa tagħhom minn "Sancta Maria della Cala" għal San Pietru u San Pawl, li ma jissemmew QATT fid-digriet tat-28 ta' April 1688! Imma kif igħidu: l-ispiżjar milli jkollu jagħtik! U x'tistenna aħjar mill-"kburin"?!

Għal ħafna li ma qrawx l-aħħar artiklu ta' Patri Bonnici fir-rivista "Luminaria" ta' Ġunju li għadda, sewwa jkunu jafu f'hiex waqa' dan il-"professjonista" gwapp biex jipprova li "300 Sena Ilu (saret) Parroċċa għan-Nadur u

mhux għall-Qala". Araw daqsxejn x'għerf ta' Salamun ħareġ mill-pinna mgerfxa tiegħu:

1. *"Illum, b'għaġeb kbir ta' kull storiku, Sultana stqarr li d-digriet tal-parroċċa ma raħ qatt. Ma raħx lanqas Buttigieg. Imma l-għaġeb jikber għaliex, waqt li ma raħx, hu jaf x'fiħ..."* Konkluzjoni bla *bażi* oħra li jaf jagħmel Bonnici. Nisfidah jgħidli: Fejn jien **"stqarrejt"** li d-digriet tal-parroċċa ma rajtu qatt? Jista' jikkwotali kelma jew sentenza tiegħi li jiena biha "stqarrejt" dak li qed jasserixxi Bonnici? Jew din tassew "ħlieqa" oħra ta' Bonnici? Dan kif jista' joħroġ b'konklużjoni banali bħal din meta (a) ikkwotajnielu tant drabi d-dokumenti storiċi, u (b) ma wasal qatt wasla sa' l-Uffiċċju Parrokkjali tagħna biex jara jekk hux veru dak li kont għidtlu, li "fl-Arkivju Parrokkjali tagħħna għandna fotokopja ta' kull dokument li jikkwota hu"?! Trid tkun altru żatat u bla raġuni biex tasal għal konklużjoni stupida bħal din !

2. *"Hu fatt ċert li, billi Buttigieg u d-dixxiplu tiegħu Sultana ma rawx id-digriet ta' l-erezzjoni tal-parroċċa, huma ma jistgħux jitkellmu fuqu... Jien mhux biss ma ħbejtux, imma minnufih għamilt numru ta' fotokopji tiegħu lil kull min wera nteress fih"* Erġajna koppi! Għax waħħalha f'rasu li aħna d-digriet ma rajniħx, Bonnici joħroġ b'konklużjoni stupida oħra: li aħna għandna nagħlqu ħalqna! Dan meta jaf dak li hu żgur **"fatt ċert"**: li kemm id-digriet kif ukoll l-att notarili kollha jipprovaw teżi waħda - li fit-28 ta' April 1688 il-parroċċa ġdida QATT U MKIEN ma tissejjaħ "Parroċċa tan-Nadur", imma BISS U DEJJEM bit-titlu "Sancta Maria della Cala". U L-MIKTUB MA JĦASSRU JEW JIBDLU ĦADD!

3. *"Sultana jista'jidħak bin-nies tal-Qala, imma mhux bl-istoriċi. L-Arċipriet, lin-nies tal-parroċċa tiegħu, kien imissu qalilhom li Dun Bernard Haber sejjaħ lilu nnifsu "Kappillan tan-Nadur", u QATT tal-Qala"*. L-ewwelnett, jekk Bonnici lili qed jiġġudikani li b'dak li ktibt jiena qed nidħaq bin-nies ta' raħal twelidi, mela HU STESS b'min kien qed jipprova jidħaq meta kiteb dawn il-preċiżi kelmiet: *"Dun Bernard Haber kien intagħżel bħala Kappillan tal-Qala... Min-naħa l-oħra, Dun Bernard Haber ma satax iqis lilu nnifsu bħala Kappillan tan-Nadur qabel ma hu ttrasferixxa ruħu tassew fin-Nadur... Hu ma satax iniżżel lanqas il-kelma 'Nadur' għaliex kien għadu ma kienx il-kappillan tan-Nadur. Hu niżżel sempliċement "kappillan ta' din il-parroċċa", bla ma qat jekk kenitx il-Qala jew in-Nadur"*. QRAJTUH U FHIMTUH SEW? DAN MHUX KLIEM "SULTANA", IMMA KLIEM BONNICI NNIFSU FIL-KTIEB TIEGĦU "IL-MATRIĊI..." TA' L-1975.

4. *"L-għarfien uffiċċjali ta' Haber bħala Kappillan tan-Nadur biss hu tant qawwi b'mod li Sultana dejjem ħarbu għax iwaqqagħlu kollox. Buttigieg ukoll dejjem baża' minn dan l-argument"*. Żelqa oħra fin-niexef! Anzi għal din is-sentenza nista' ngħid li Bonnici hu GIDDIEB! Jekk hux veru li jien dejjem ħrabt l-argumenti dwar Haber bħala kappillan tan-"Nadur" (kif qal hu), nerġa' nirrepetilu waħda mill-mistoqsijiet importanti li jiena kont għamiltlu fin-"Nazzjon Tagħna" tal-5 ta' Marzu 1988; u li hu GĦADU MA WEĠIBNIX GĦALIHA:

"Jista' Bonnici jgħidilna **meta, fejn** u **kif**, l-Isqof Cocco Palmeri kien ta ordni lil Dun Bernard Haber 'biex qatt ma jsejjaħ lili nnifsu kappillan tal-Qala'? **Please quote!** U kif ifissrilna Bonnici l-kelmiet li l-Isqof tant drabi jirrepeti fid-dokumenti jew digrieti tiegħu: *"In Parochum et Rectorum Regionis sive Contratae Sanctae Mariae de La Cala"*, jew inkella *"Cuius Ecclesiae curam gerit Dom Bernardum haber primus parochus"*, qabel u wara t-twaqqif tal-parroċċa?"

Bonnici jrid iwaqqa' d-dokumenti ta' l-Isqof billi jsostni li Dun Bernard Haber sejjaħ lilu nnifsu "kappillan tan-Nadur". Imma jiena nerġa' ngħidlu li Dun Bernard ma setax jagħmel lilu nnifsu kappillan "tan-Nadur", għax hu ġie maħtur kappillan ta' "Santa Maria tal-Qala" (kif jixhed id-digriet) u miet qabel sar it-trasferiment tal-parroċċa mill-Qala għall-knisja parrokkjali ġdida fin-Nadur. Dan jikkonfermah ukoll ir-**Reġistru tal-Magħmudija li hemm fl-**Uffiċċju Parrokkjali tan-Nadur, u li la Bonnici u lanqas id-dixxipli fidili tiegħu fin-Nadur ma QATT ikkwotaw minnu, Għax ma jaqblilhomx! Nerġa' nfakkar lil Bonnici dak li staqsejtu fin-"Nazzjon" tal-15/3/88: "Għax ma jridx jurina x' kiteb sewwa fl-ewwel paġni tar-Reġistru tal-Magħmudijiet dak il-Viċi jew Viċendarju li għammed diversi trabi *de licentia parochi Casalis Calae"?!* Jekk Dun Bernard għalih innifsu kien jikteb *"parochus hac paroecia"* biex ma jikkompromettix lilu nnifsu, għaliex ippermetta lil xi ħadd ieħor jiddikjarah ta' fejn kien **tassew** kappillan?! U mela tiġi tiftaħat x'instab miktub f'reġistru taż-żwieġ fix-Xewkija?! Jew tassew għandna x'naħbu?!

Barra minn hekk, Bonnici qalli wkoll li anki l-Viżti Pastorali li Haber isejħulu "Kappillan tan-Nadur" u mhux tal-Qala. għax ma qalilniex **liema** Viżti? **Jaqaw dik** tal-11 ta' Mejju 1698? Jaqaw Bonnici ma fehemx sewwa l-latin u kull fejn jara "Qala" jaqraha "Nadur"?! Ħalli ngħidielu bil-Malti forsi jifhimha aħjar: "Kappillan ta' din il-parroċċa **tal-Qala** hu Dun Bernard Haber, l-istess wieħed li kellha meta ġiet imwaqqfa" (AAM P.547), Jew inkella il-Viżta tas-26 ta' Ottubru 1699? Tgħid x'ifissru l-kelmiet: *"accessit ad ipsam ecclesiam et ad eius fores fuit more solito per Dom Bernardum Haber Parochum exceptus ..."?* Bil-Malti dawn ifissru: li l-Isqof resaq lejn il-knisja (tal-Kunċizzjoni) fejn, ħdejn il-bieb ġie milqugħ skond l-użanza mill-Kappillan Dun Bernard Haber. Tgħid min qed jipprova jidħaq bin-nies? Jien b'tal-Qala, jew hu bl-istoriċi li jaħseb li jemmnu kull ma jgħid?! Bonnici qal ukoll għalija:

5. *"Jiena ma nafx Sultana hux qed jagħmel kuntrumbajsi bħala ragħaj ta' l-erwieħ. Żgur li qed jagħmilhom fl-istorja..."*. Lanqas jien ma naf jekk, bħala patri, Bonnici hux qed jagħmel kuntrumbajsi! Jaqbillu ma jippruvax jitfa' xi dell ikraħ fuq il-ministeru tiegħi bħala "ragħaj ta' l-erwieħ", għax Alla ħares ikolli nasal biex nemmen dak li nisma' fuq ċerti patrijiet... Imma l-veri kuntrumbajsi fl-istorja għamilhom Bonnici aktar minn kull storiku "professjonista" ieħor, bejn dak li kiteb fl-1975 u dak li qed iħawwad fl-aħħar kitbiet tiegħu. Kuntrumbajsa ta' "student" fiha u ma fihiex! Imma kuntrumbajsa wara l-oħra ta' "professur" żgur iddaħħaq il-klassi kollha...

6. *"Jiena ċertissimu li Sultana ma qarax lanqas Patri Pelagju għaliex, li kieku qrah, żgur li ma jgħidx li hu qed jitkellem dwar il-Qala".* Semmejna l-kuntrumbajsi! Ara din oħra ċara ta' l-għaref Bonnici. F'inqas minn xahrejn! Tafu x'kien kiteb l-istess Bonnici fin-"Nazzjon Tagħna" ta' l-10 ta' Mejju li għadda, f'paġna 12? Isimgħuha u qabbluha: *"Jien ċert li Sultana qara lil Patri Pelagju. Għalhekk hu żgur li jaf tajjeb li Patri Pelagju kiteb dwar in-Nadur".* L-ewwel kien "ċert", issa ccċertissimu", imma la jaf qrajtx u lanqas ma qrajtx lil Patri Pelagju! Malajr biddel fehmtu f'xaharejn... aħseb u ara f'disa' snin (1975-1984)!

7. Kuntrumbajsa oħra ta' Bonnici: *"Jagħmel tajjeb jekk... iġib ruħu ta' student... għax tassew li fadallu ħafna x'jitgħallem fuq il Qala wkoll!"* Araw din is-sentenza tagħmilx sens ma' oħra li kiteb Bonnici nnifsu fin-"Nazzjon" ta' l-10 ta' Mejju 1988: *"Jiena fil-fatt lil Sultana nammirah. Għalkemm dilettant u qatt ma studja f'Universitajiet, hu jaf ħafna fuq il-Qala..."!* Jekk jien naf jew ma nafx fuq l-istorja tal-Qala, m'għandix bżonn is-sentenza jew il-ġudizzju ta' Bonnici. Ngħidha kif inħossha: jien fiduċja f'Patri Bonnici m'għandix, għax ikkonvinċieni kemm mhux ta' min jorbot fuq il-kitba storika tiegħu, mimlija tgħawwiġ tal-fatti u kontradizzjonijiet, kif għamel fil-każ tal-Qala! Aħjar inkun "student" li baqgħali ħafna x'nitgħallem, milli nippoża ta' "professur" u noħroġ ta' ħmar ma' Malta u Għawdex....

8. *"Il-ġrajja storika ta' l-erezzjoni tal-parroċċa tan-Nadur",* kompla jikteb Bonnici, *"ma hix se titħassar minn dilettant bħalma hu Anton Buttigieg, u lanqas minn Arċipriet, bħalma hu Dun Anton Sultana, li, aktar ma jikteb, aktar juri li għadu 'l bogħod ħafna biex ikun jaf x'fihom id-dokumenti".* La Bonnici jippreferi jkompli jbaxxi lil min jikkritikah flik iwieġeb għall-kritika li ssirlu għall-kitba tiegħu, allura jkolli ngħidlu aktar milli ġa għidtlu:

**Il-verità hija waħda! U ġiet miktuba ċara daqs il-kristall mill-Isqof David Cocco Palmeri fit-28 ta' April 1688. Dak li ġara' tliet mitt sena ilu għadu miktub u jibqa' miktub, u kulħadd jista' jmur jiġbor kopja tiegħu mill-Kurja Arċiveskovili u mir-Reġistru Notarili tal-Gvern. M'hemmx bżonn la ta' Bonnici, la ta' Buttigieg, u lanqas ta' Sultana biex taqra dak li ġie miktub. U dak li nkiteb dwar "Sancta Maria de la Cala" fl-1688 ma jistax jiġi mibdul jew imħassar fl-1988. Scripta manet! U għalhekk, il-ġrajja storika li llum saret kontroversja bejn il-Qala u n-Nadur tibqa' reġistrata kif ħalliha miktuba l-Isqof David Cocco Palmeri. U ma jista' jħassarha la xi ħadd li jippoża ta' "interpretu" għall-Isqof ta' dak iż-żmien, u lanqas xi "kburin" li jixtiequ (kieku jistgħu) jeqirdu dik "in-nieqa ta' parroċċa ġdida", għal-lvant kollu t'Għawdex, li fiha twieldu tliet mitt sena ilu! Ejjew u araw b'għajnejkom fejn saret il-parroċċa "Sancta Maria della Cala", u fejn tgħammdu, iżżewġu, irċivew l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof, talbu u resqu għall-qrar u t-tqarbin, u anke indifnu wara mewthom... dawk kollha li għexu fil-Qala, fin-nadur u f'Għajnsielem, bejn l-1688 u s-sena mhux magħrufa meta bdiet tiffunzjona l-knisja parrokkjali ġdida "in spatio publico dicto Ta' Nadur". Mela: HUWA FATT STORIKU LI FL-1688 FIN-NADUR MA KIENX HEMM PARROĊĊA. U għalhekk, la xi storiku mħawwad bħal Patri Bonnici u lanqas nies "kburin għax Nadurin", bil-kotba ħoxnin jew bil-festi kbar li jagħmlu, ma jistgħu qatt iħassru dak li nkiteb fl-1688.**

Patri Bonnici għoġbu jagħlaq l-artiklu tiegħu billi għajjarni li jiena "superfiċjali": "Is-superfiċjalità ta' Sultana tasal għal grad li ma jitwemminx..." Sur Patri, ħalli l-poplu jiġġudika min hu tassew "superfiċjali" bl-argumenti! Darba oħra kien ipprova jwaqqagħni għaċ-ċajt billi qal li jiena "saċerdot kariżmatiku" (ara "in-Nazzjon" 10/5/88). Ma nafx teżistix relazzjoni bejn "superfiċjali u "kariżmatiku"! Tidher kontradizzjoni! Għal kull ma qal u kiteb fuqi, mhux biex iwieġeb il-kritika tiegħi imma biex jinsulentani, jiena ngħidlu: GRAZZI ĦAFNA GĦAX UREJTNI ĊAR U TOND X'SERJETÀ TA' STORIKU INT U X'PATRI EŻEMPLARI FIK. Issa jaqbel li kulħadd joqgħod b'li ħa u b'li għandu, għax sew jekk jien "superfiċjali"u sew jekk int"professjonista", la jien bl-argumenti u lanqas int bil-kontradizzjonijiet, mhu se nbiddlu kelma waħda minn dak li nkiteb biex ma jitħassar qatt!

NEUTRON

ST. JOSEPH SQUARE, QALA - GOZO

***L-Istabbiliment li fih issib kull ma tinħtieġ għal dar moderna***

- *TELEVISIONS*
- *REFRIGERATORS*
- *COOKERS*
- *WASHING MACHINES*
- *TOASTERS*
- *ĦDEJJED TAL-MOGĦDIJA*
- *ĊERAMIKA*
- *KRISTALL*
- *ĦĠIEĠ*
- *SETTIJIET TAL-KĊINA U MITT ĦAĠ'OĦRA*

**Kollox ta' l-Aqwa Kwalità u bi Prezzijiet Raġjonevoli**